**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 29 – 24 ta' Marzu 2010**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' b' urgenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.00 ta' filgħaxija u saret Agenda 29. Il-Laqgha bdiet fis-6.15pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Dominic Cutajar | Viċi Sindku |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | George Cortis | Kunsillier |
| | Rosario Cortis | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Prezenti ghal-laqgha kien hemm l-accountant tal-Kunsill is-sur Mark Scalpello. | |

Is-Sindku Alfred Grixti beda l-laqgha billi ta' merhba lill-Kunsillier Philip Said li rega dahal fil-Kunsill. Is-Sindku Alfred Grixti qal li kien dispjacut li l-Kunsill tilef element validu bhal Dr. Peter Micallef izda xorta wahda kien kuntent ghall-elezzjoni tieghu fil-parlament u kien jawguralu s-success kollu li haqqu. Huwa qal li f' isem il-Kunsill ghandha ssir ittra ta' awguri u tigi organizzata ikla a spejjez tal-kunsilliera.

**1. APPROVAZZJONI TAL-ACCOUNTS 2009**

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li ghal din il-laqgha kien se jippartecipa l-accountant tal-Kunsill sabiex dan jispjega l-accounts qabel ma jigu approvati. Huwa kompla jghid li hekk kif mifthiehem fil-laqgha tal-Kunsill

dawn l-accounts gew imqassma qabel halli l-kunsilliera jilhqu jezaminawhom.

1.2. Is-Sindku ressaq talba sabiex il-Kunsill jidhol fi stadju ta' kumitat sabiex is-sur Mark Scalpello jispjega l-accounts. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsill dahal fi stadju ta' kumitat fis-6.30pm.

1.3. Il-laqgha tkompliet fis-7.05pm.

1.4. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-Kunsill kellu jevalwa jekk l-accounts jaghtux l-istampa reali tal-qaghda finanzjarja tal-Kunsill ghad-9 xhur li ghaddew.

1.5. Il-Kunsillier Joe Ciantar qal li wiehed ma jistax jinjora l-kummenti li ghamel l-accountant tal-Kunsill rigward ir-rapport tal-awditur tas-sena ta' qabel u dak li deher fil-media. Il-Kunsillier Ciantar qal li huwa ma kienx ihossu komdu jiehu vot fuq l-accounts meta kien ghad hemm dawn id-dubji. Il-Kunsillier Joe Ciantar kompla jghid li jiddispjacih li wara li l-Kunsill kien irnexxielu jaqta d-deficits, din is-sena dan kien rega spicca f' deficit u wiehed kellu jara minn fejn gej dan id-deficit.

1.6. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li kien importanti li l-accounts jigu approvati sabiex jinbeda x-xoghol tal-awdituri tal-gvern li kien propju d-dmir taghhom li jiccertifikaw li l-accounts jaghtu l-iktar stampa reali tal-qaghda finanzjarja tal-Kunsill. Is-Segretarju spjega li d-deficit jista jigi attribwit ghal xi spejjez mhux mahsuba u anke minhabba nuqqas konsiderevoli ta' dhul mis-sistema tal-LES.

1.7. Is-Sindku Alfred Grixti kkummenta li s-somma tad-deficit tikkorrispondi ezatt ghal dak minfuq ghall-attivita Haz-Zebbug Jistiednek, liema attivita s-Sindku precedent kien assigura li kien se jidhol sponsor ghaliha.

1.8. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li ma kienx facli li wiehed jinterpreta l-figuri tal-accounts.

1.9. Is-Sindku Alfred Grixti ppropona li l-accounts jigu approvati, filwaqt li l-Kunsill permezz tal-accountant tieghu jikkuntesta r-rapport tal-awdituri mad-dipartiment tal-gvern lokali u l-awditur generali u sal-laqgha ta' Mejju kellhom jigu pprezentati l-accounts tal-ewwel 3 xhur tas-sena sabiex jigi ccekjat it-tibdil fil-qaghda finanzjarja tal-Kunsill. Huwa gie sekondat mill-Vici Sindku Dominic Cutajar.

Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Dominic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata (32).

1.10 Is-Sindku Alfred Grixti talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-Kunsill jippartecipa fl-inizjattiva tal-patt tas-Sindki fejn il-Kunsill flimkien ma kunsilli ohra jintrabat li juza energija nadifa u jiehu mizuri favur il-protezzjoni tal-ambjent. Is-Sindku spjega li jekk il-kunsill japprova li jiffirma dan il-patt, kellu japplika mal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u eventwalment is-Sindku jitla Brussels ghall-iffirmar tal-ftehim. Huwa kompla jghid ukoll li b' relazzjoni ma' dan il-patt il-Kunsill ghandu jaghmel studji dwar is-sostenibilta urbana kif ukoll ikun aktar facli ghalih li japplika ghal fond ital-Unjoni Ewropeja dwar is-suggett. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

1.11 Il-Kunsillier Joe Ciantar informa lill-Kunsill li l-ghada kien hemm laqgha tal-anzjani u stieden lil kulhadd sabiex jattendi.

## 2. AGGORNAMENT

2.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 8 ta' April fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fis-7.25pm.

Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv